16 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Clementina Psaila *versus* Andreana Ellul et.

## Legat — Interessi — Art. 764 u 765 tal-Kodiċi Ċivili

*L-eredi li jkun aċċetta l-eredità mhuwiex ġustifikat ma jħallasx legat imħolli mit-testatur billi jallega li xi ħadd interessat fil-wirt esprima l-ħsieb tiegħu li jimpunja t-testment; imma hu obligat jippresta l-legat.*

*Imma l-legatarju ma għandux dritt jitlob l-imgħaxijiet fuq is-somma legata mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, iżda biss mill-ġurnata li fiha huwa jkun interpella l-eredi b'att ġudizzjarju għall-ħlas tal-legat; ammenokkè t-testatur ma jkunx ordna espressament li l-imgħax fuq il-legat jibda jgħaddi mill-ġurnata tal-mewt tiegħu, jew jkun jittratta mhux minn legat ta' somma ta' flus in ġenere, imma ta' xi kapital fruttiferu.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet li l-imsemmi Giuseppe Borg miet fit-12 ta' Marzu 1955 (dok. A), b'testment fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Agius tad-19 ta' Novembru 1954 (dok. B); u illi bl-imsemmi testment Giuseppe Borg ħalla lill-attriċi bħala legat is-somma ta' £100; u illi l-konvenuti, non ostante l-interpellazzjoni, lilhom magħmula b'ittra uffiċjali tal-21 ta' Settembru 1956 biex iħallsu, ma ħallsux; premessi d-dikja-

razzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, talbet li għar-raġunijiet fuq imsemmija l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi s-somma ta' £100 fuq imsemmija, imħollija lilha bħala legat; bl-imgħax legali mill-ġurnata tal-mewt; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenuti opponew illi huma ma ħallsux il-legat ta' £100 lill-attriċi għax Carmelo Borg, bin Giuseppe Borg, li bit-testment imsemmi hu leġittimarju, kien esprima l-ħsieb li jimpunja t-testment in kwistjoni; u jekk issir din l-impujazzjoni, il-legat ma għandux jitħallas;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'testment tad-19 ta' Novembru 1954, fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Agius, Giuseppe Borg ħalla lill-attriċi bħala legat is-somma ta' £100, u istitwixxa lill-konvenuti uniċi eredi universali tiegħu, u ħalla lill-ibnu Carmelo Borg il-leġittima;

Illi l-imsemmi testatur miet fit-12 ta' Marzu 1955;

Illi l-konvenut Carmelo Ellul xehed li l-leġittimarju Carmelo Borg kien jgħidlu biex ma jħallasx skond ma ddispona t-testatur, għax hu bi ħsiebu jimpunja t-testment; u illi l-istess Borg ilu xi tmienja u erbgħejn sena l-Canada, fejn għadu. Xi ħames snin ilu ġie lura, u daqqa jgħid li ser jerġa' jiġi u daqqa li ma jiġix, u sadattant baqa' jgħid li bi ħsiebu jimpunja t-testment; iżda qatt ma għamel xejn;

Illi din mhijiex raġuni biex il-konvenuti, li huma eredi u aċċettaw l-eredità, ma jipprestawx il-legat imħolli lill-attriċi;

Illi, kwantu għall-interessi mitluba, dawn ma humiex dovuti mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, kif hemm fit-talba, imma mill-ġurnata tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Settembru 1956, li biha il-konvenuti ġew interpellati għall-prestazzjoni tal-legat; u dan skond l-art. 764 tal-Kap. 23. Il-kaz preżenti mhux wieħed minn dawk imsemmijin fl-art. 765 ta' dak il-Kap, billi t-testatur ma ordnax espressament li l-imgħax jibdew jgħaddu mill-mewt tiegħu; u l-legat jikkonsisti f'somma ta' flus in ġenere, u mhux kapital fruttiferu, għax ma rriżultax li dik is-somma hi, jew kienet, impjegata f'rendiment ta' imgħax ("Vella vs. Mifsud Speranza", Kollez. XXIX-II-401; "Cardona vs. Laiviera", P.A. 28 ta' Novembru 1956);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-talba tal-attriċi, iżda l-imgħax legali għandhom jiddekorru mill-ġurnata tal-interpellazzjoni uffiċjali tal-21 ta' Settembru 1956;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

---